MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 3/2009

**A B**

**-vs-**

**C D f'isimha proprju u b'digriet tal-15 ta' Gunju 2009, l-istess giet nominata bhala kuratrici ad litem sabiex tirraprezenta lill-minuri E F G B; u Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn dan wara li ppremetta:

Illi l-esponenti u l-intimata C D huma mizzewgin pero' sseparati permezz ta' sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti datata tletin ta' Ottubru elfejn u sebgha (30/10/2007), liema sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti

tal-Appell fil-wiehed u tletin ta’ Ottubru elfejn u tmienja (31/10/2008);

Illi l-kontendenti kienu ilhom separati *de facto* u jghixu f’residenzi separati sa mis-sena elfejn u erbgha (2004) f’liema sena nbdew il-proceduri ghas-separazzjoni personali;

Illi ghal xi zmien wara s-sena elfejn u erbgha (2004) irrizulta li l-intimata kellha relazzjoni extra konjugali ma’ terza persuna;

Illi l-esponenti ma kienx jaf b’din ir-relazzjoni u kien sema’ biss fl-elfejn u tmienja li l-intimata setghet kienet tqila;

Illi fis-seduta tal-Appell tat-tmienja ta’ Lulju elfejn u tmienja (08/07/2008), l-intimata xehdet li mhux biss kienet tqila izda li kienet welldet tifel bl-isem ta’ E F G B fit-tmintax (18) ta’ April elfejn u tmienja (2008) kif jidher mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala ‘Dok. A’;

Illi l-imsemmija tarbija hija *de facto* u *de jure* mhux wild l-esponenti u dan ghar-ragunijiet suesposti, nonostante li t-tarbija giet registrata bhala wild tal-esponenti;

Illi ghalhekk l-intimata hbiet it-tqala taghha u t-twelid tat-tifel, u l-esponenti sar jaf bit-twelid tat-tifel biss fit-tmienja ta’ Lulju tal-elfejn u tmienja (08/07/2008).

Ghaldaqstant, l-attur jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara u tiddeciedi li t-tarbija E F G B li twieled lill-intimata fit-18 ta’ April 2008 mhux iben l-esponenti, a tenur tal-Artikolu 70 (b) u (d) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, previa l-appuntament ta’ periti nominandi u kwalunkwe dikjarazzjoni ohra li din Qorti jidhrilha necessarja fic-cirkostanzi;

Tordna li ssir l-annotazzjoni necessarja fl-att tat-twelid billi fil-kolonna intestata “Isem u kunjom missier it-tarbija” minflok isem l-esponenti jitnizzel “mhux maghruf” jew dik l-annotazzjoni li jidhrilha xierqa l-istess Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn dan eccepixxa:

Illi *in limine litis* jigi rilevat li r-rikorrenti biex ikun jista' jippromwovi din l-azzjoni ghac-chid tal-gharfien tat-tifel E B jehtieglu illi qabel xejn jipprova li huwa ezercita din l-azzjoni *entro* wiehed mill-perjodi li hemm senjalati fl-Artikolu 73 (a), (b) jew (c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Alternattivament ir-rikorrent ikun jehtieglu jikseb l-awtorizazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex ikun jista' jipprocedi b'din l-azzjoni ai termini tal-proviso tal-imsemmi Artikolu 73;

Illi jekk tigi sorvolata din l-ewwel eccezzjoni dilatorja, ir-rikorrenti biex jirnexxi fl-azzjoni tad-*denegata paternita'* jrid jipprova u jissodisfa sal-grad rikjest mil-ligi talanqas wahda mic-cirkostanzi li hemm imnizzla fl-Artikolu 70 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi ghajr ghall-premess, f'dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kawza, l-esponent m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghall-atti probatorji u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

Illi madanakollu attiz in-natura partikolari ta' din l-azzjoni odjerna, l-esponenti jhoss opportun li huwa fl-ahjar interess tal-minuri E B, li din l-Onorabbli Qorti tuza s-setgha taghha taht l-Artikolu 70 (3) billi tistieden lill-partijiet involuti f'dawn il-proceduri sabiex joqoghdu ghall-ezamijiet mehtiega biex tigi stabbilita kull prova genetika li jkollha x'taqsam mal-kaz;

Illi subordinatament f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna li jigu mnehhija d-dettalji kollha tar-rikorrenti mir-ringiela

fejn hemm indikat it-taghrif dwar missier it-tarbija fl-Att tat-Twelid bin-numru ta’ iskrizzjoni 1462 tas-sena 2008. Fl-istess waqt, il-kelmiet ‘*the said*’ li jinsabu qabel isem A B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid *de quo*;

Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrent m’hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta’ agir tal-esponent u kwindi huwa m’ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta’ C D li in forza taghha eccepiet:

Illi hemm qabil dwar it-talbiet attrici.

Illi l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur ghandu jigi respint bl-ispejjez stante li l-kaz sehh fit-terminu previst fil-Ligi kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

Illi fil-mertu hi welldet tifel E B fit-18 ta’ April 2008, liema tifel m’huwiex iben A B, li minnu kienet ilha separata *de facto* mill-21 ta’ Settembru 2003, izda hu l-wild naturali ta’ H I;

Illi ghalhekk taqbel li c-certifikat tat-twelid tat-tifel minuri jigi korrett sabiex isem A B jithassar bhala missier it-tarbija u fil-konnotati tieghu jidhlu l-konnotati tal-missier naturali H I (ID 399074M), il-konnotati ta’ H I huma s-segwenti: H I, machine operator, bin A I u J K, imwieled Pieta’ u residenti Qormi, li kellu 33 fid-data tat-twelid tat-tifel, liema konnotati ghandhom jigu inseriti fic-certifikat tat-twelid tat-tifel kif korrett;

Li tikkonferma bil-gurament taghha li hi ma gharrfitx lil A B bit-tqala u lanqas bit-twelid tal-minuri u ma kellhomx ebda kuntatt u komunikazzjoni ghajr meta ltaqghu fis-seduta

quddiem il-Qorti tal-Appell fit-8 ta’ Lulju 2008. Is-sentenza tal-Qorti tal-ewwel istanza inghatat fit-30 ta’ Ottubru 2007 u A B lanqas kien biss deher dakinhar. Ghalhekk ma kienx jaf li kont tqila.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-kawza A B qed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara illi l-iben li twieled lil martu u li gie registrat bhala ibnu m’huwiex fil-fatt wild tieghu.

Jirrizulta mill-provi illi A B u C D huma mizzewgin pero’ separati permezz ta’ sentenza ta’ din il-Qorti datata 30 ta’ Ottubru 2007 konfermata mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta’ Ottubru 2008. Kienu ilhom separati de facto minn Settembru 2003. Fit-18 ta’ April 2008, l-intimata C D welldet tarbija li, in vista tal-kronologija u presunzjoni legali li timporta, giet registrata bhala wild zewgha. Issa A B inizja l-proceduri odjerni sabiex il-minuri ma jibqax jidher bhala ibnu. Jirrizulta ukoll illi l-istess twelid inheba minnu b’mod illi sar jaf meta waqt seduta quddiem il-Qorti tal-Appell, l-intimata odjerna xehdet illi kienet ghadha kif welldet tarbija u li din it-tarbija ma kinitx ta’ zewgha.

L-intimata ssemmi lill-missier naturali tat-tarbija b’ismu. Madanakollu galadarba din il-persuna qatt ma ssejhet fil-kawza u ma ngabux in atti ebda provi xjentifici dwar din il-paternita’, il-Qorti m’hijiex ser tiehu konjizzjoni ta’ dan il-fatt. Il-Qorti qieset illi l-Art. 70 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi illi:

“*70 (1) Ir-ragel jista’ jichad li jaghraf it-tifel imnissel matul iz-zwieg –*

*a. Jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tifel, hu kien fl-impossibilita’ fizika li jghammar ma’ martu minhabba li kien boghod minnha, jew minhabba xi accidentiehor; jew*

*b. Jekk, fiz-zmien hawn fuq imsemmi, kien mifrud de facto jew legalment minn martu:*

*Izda ma jistax jichad lit-tifel jekk matul dak iz-zmien ikun rega' nghaqad ma' martu, ukoll jekk temporanjament; jew*

*c. Jekk tipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi kien milqut b'impotenza, ukoll jekk dik l-impotenza kienet wahda fit-tnissil; jew*

*d. Jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi, martu kienet ghamlet adulterju jew kienet hbiet it-tqala u t-twelid tat-tarbija, u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor (li jista' ukoll ikun testijiet u provi genetici u xjentifici) li x'aktarx jeskludu dik il-paternita'.*

*(2) Id-dikjarazzjoni tal-omm fis-sens li zewgha mhux missier it-tifel ghandha tinghata konsiderazzjoni f'kawza li tkun tirrigwarda l-eskluzjoni tal-paternita' tar-ragel.*"

L-Art. 73 imbaghad jipprovdi illi:

"*73. Fil-kazijiet illi r-ragel jista' jaghmel kawza sabiex jichad li jaghraf tifel bhala ibnu, hu ghandu jaghmel l-azzjoni;*

*a. Fi zmien sitt xhur mit-twelid, jekk huwa f'dak iz-zmien kien jinsab f'Malta;*

*b. Fi zmien sitt xhur minn dakinhar li jigi lura f'Malta, jekk fiz-zmien tat-twelid hu kien nieqes minn Malta;*

*c. Fi zmien sitt xhur minn dakinhar li jikxef il-qerq, jekk it-twelid kien gie lilu mohbi.*"

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, il-Qorti tqis illi r-rikorrenti rnexxielu jipprova ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti illi l-kundizzjonijiet kollha imposti fuqu mill-fuq citati artikoli tal-ligi gew pjenament sodisfatti.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tilqa’ l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara li l-minuri E F G B li twieled fit-18 ta’ April 2008 m’huwiex wild A B;

Tordna li fl-Att tat-Twelid Nru. 1462 tas-sena 2008 mill-kolonna bid-dettalji dwar missier it-tarbija ghandhom jithassru l-konnotati ta’ A B u jitnizzlu minflok il-kliem “missier mhux maghruf”. Mill-kolonna bid-dettalji dwar l-omm it-tarbija ghandhom jithassru l-kliem ‘*the said*.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn C D.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------